

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Sistemi Ġudizzjarji Nazzjonali](#) > [Belgium](#)

Sistemi ġudizzjarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Belġju

Belġju



F'din is-sezzjoni tingħata ħarsa ġenerali lejn l-organizzazzjoni tal-qrati u t-tribunali.

Organizzazzjoni tal-qrati - is-sistema ġudizzjarja

Is-sistema legali Belġjana hija sistema ta' tradizzjoni ċivilista, li tinkludi ġabra ta' regoli kkodifikati, applikati u interpretati mill-Imħallfin.

Fil-Belġju, l-organizzazzjoni tal-qrati u tat-tribunali hija ta' kompetenza esklussivament federali.

Prinċipji

Qabel il-preżentazzjoni dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja fil-Belġju, tajjeb li jiġu mfakkra xi prinċipji kostituzzjonali u ġenerali dwar l-organizzazzjoni tal-kompetenzi ġudizzjarji.

Il-Kostituzzjoni stabbiliet, minbarra ż-żewġ kompetenzi l-oħra, jiġifieri l-kompetenza leġiżlattiva u l-kompetenza eżekuttiva, kompetenza ġudizzjarja garantita mill-qrati u t-tribunali. Il-qrati u t-tribunali jikkostitwixxu għalhekk kompetenza indipendenti b'mod parallel mal-kompetenzi kostituzzjonali l-oħra.

Il-kompetenza ġudizzjarja hija garantita mill-qrati fil-kwadru tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u ġuridiċi. Il-kompetenza ġudizzjarja għandha l-kompitu li tiġġudika. Għaldaqstant hija tapplika d-dritt: tippresjedi fil-kawżi ta' natura ċivili u tapplika d-dritt kriminali għall-persuni li jkunu wettqu reat. Hemm distinzjoni bejn il-maġistratura ġudizzjarja (l-imħallfin u l-kunsillieri fil-qrati u t-tribunali) u l-maġistratura inkwerenti (il-ministeru pubbliku jew il-prosekuzzjoni).

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 144 u 145 tal-Kostituzzjoni, il-kawżi dwar drittijiet ċivili jaqgħu esklussivament taħt il-ġuriżdizzjoni tat-tribunali u l-kawżi dwar drittijiet politiċi jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tat-tribunali, ħlief għall-eċċezzjonijiet stabbiliti mil-liġi.

L-ebda tribunal u l-ebda qorti kontenzjuża ma jistgħu jitwaqqfu ħlief bil-liġi. Ma jistgħu jinħolqu l-ebda kummissjonijiet u l-ebda tribunali straordinjarji, ikun xi jkun il-qasam, skont l-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni.

Is-seduti tat-tribunali huma pubbliċi, sakemm dan il-ftuħ ma jmurx kontra l-ordni pubbliku jew il-morali; u, f'dak il-każ, it-tribunal hekk jiddikjara permezz ta' sentenza (Artikolu 148, subinċiż 1, tal-Kostituzzjoni). Il-prinċipju tas-seduti miftuħa għall-pubbliku jippermetti, fost l-oħrajn, it-trasparenza tal-ġustizzja.

Kull sentenza għandha tkun immotivata. Is-sentenza għandha tingħata f'seduta bil-miftuħ (Artikolu 149 tal-Kostituzzjoni). L-obbligu tal-motivazzjoni impost mill-Kostituzzjoni, kif ukoll mill-Artikolu 780 tal-Kodiċi ġudizzjarju jfisser illi l-Imħallf għandu jagħti tweġiba għas-sottomissjonijiet ta' fatt u ta' dritt imqajma fil-konklużjonijiet tal-partijiet. Il-motivazzjoni trid tkun ċara, sħiħa, preċiża u adatta. L-obbligu tal-motivazzjoni tas-sentenzi, bħall-indipendenza tal-Imħallf, tħares lir-rikkorent mid-diskrezzjoni arbitrarja tal-Imħallf u tippermettilu, fir-rigward tal-motivazzjoni, li jevalwa l-introduzzjoni ta' rikors quddiem l-Imħallf fl-appell jew quddiem il-Qorti

Kostituzzjonali.

Kemm l-indipendenza tal-Imħallfin fl-eżerċizzju tal-kompetenzi ġuridiċi tagħhom u kemm dik tal-prosekutur pubbliku fl-eżerċizzju tat-tfittxija u l-prosekuzzjoni individwali, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-ministru kompetenti li jordna l-prosekuzzjoni u li joħroġ ordnijiet vinkolanti ta' politika kriminali, inkluż fil-qasam tal-politika ta' tiftix u prosekuzzjoni, huma stipulati mill-Artikolu 151, subinċiż 1, tal-Kostituzzjoni.

Skont is-subinċiż 4 tal-istess dispożizzjoni, il-Kummissarji tal-Ġustizzja, l-Imħallfin tat-tribunali, il-kunsilliera tal-qrati u tal-Qorti tal-Kassazzjoni huma nnominati mir-Re skont il-kundizzjonijiet u l-metodi stabbiliti bil-Liġi.

L-Imħallfin jiġu maħtura għal haġġithom kollha. L-Imħallfin jirtiraw meta jilħqu l-età ddeterminata bil-liġi u jibbenefikaw mill-pensjoni stabbilita bil-liġi. L-ebda Mħallf ma jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu jew jiġi sospiż ħlief b'sentenza tal-qorti. It-tneħħija ta' Mħallf ma tistax isseħħ ħlief b'nomina ġdida u bil-kunsens tiegħu (Artikolu 152 tal-Kostituzzjoni). Ir-Re jinnomina wkoll, u jirrevoka l-kariga tal-uffiċċjali tal-prosekutur pubbliku tal-qrati u tat-tribunali (Artikolu 153 tal-Kostituzzjoni).

Il-kundizzjonijiet tal-kariga tal-membri tal-korp ġudizzjarju huma ffissati bil-liġi (Artikolu 154 tal-Kostituzzjoni).

Għaldaqstant, l-ebda Mħallf ma jista' jaċċetta minn gvern karigi mħallsin, sakemm huwa ma jagħmilx dan mingħajr ħlas u ħlief il-każijiet ta' inkompatibilità stabbiliti bil-liġi (Artikolu 155 tal-Kostituzzjoni).

Tip ta' ġuriżdizzjoni

Il-Belġju għandu ħames żoni ġudizzjarji ewlenin, il-ħames ġuriżdizzjonijiet tal-qorti tal-appell : Brussell, Liège, Mons, Gand u Antwerp.

Dawn il-ġuriżdizzjonijiet huma maqsuma f' distretti ġudizzjarji b'kull wieħed ikollu tribunal tal-prim'istanza. Hemm 27 distrett ġudizzjarju fit-territorju Belġjan. Id-distrett ġudizzjarju ta' Brussell għandu żewġ tribunali tal-prim'istanza, wieħed għal-lingwa Olandiża u l-ieħor għal-lingwa Franċiża.

Barra minn hekk, fid-distretti ġudizzjarji hemm 9 tribunali industrijali u 9 tribunali tal-kummerċ.

Id-distretti min-naħa tagħhom huma maqsuma f' distretti ġudizzjarji li kull wieħed minnhom għandu qorti b'ġuriżdizzjoni volontarja. Hemm 187 distrett ġudizzjarji fit-territorju Belġjan.

Kull waħda mill-għaxar provinċji kif ukoll id-distrett amministrattiv ta' Bruxelles-Capitale għandu qorti bil-ġurija. Il-qorti bil-ġurija mhijiex qorti permanenti. Hija tiġi mwaqqfa kull darba li jitressqu imputati quddiemha.

In-natura u s-serjetà tal-ksur, in-natura tat-tilwima kif ukoll l-importanza tal-ammonti inkwistjoni jiddeterminaw it-tip ta' Qorti li wieħed għandu jidher quddiemha.

F'ċerti każijiet, hija n-natura tat-tilwima li tiddetermina t-tribunal li wieħed għandu jidher quddiemu. Għalhekk, il-Kummissarju tal-Ġustizzja għandu kompetenza f'dak li jirrigwarda t-tilwim bejn il-ġirien u t-tribunal tal-prim'istanza għandu kompetenza f'dak li jirrigwarda d-divorzju. F'każijiet oħrajn, il-kriterju huwa l-kwalità tal-partijiet. Fil-prinċipju, il-parti l-kbira tat-tilwim bejn il-kummerċjanti jitressaq quddiem il-qorti tal-kummerċ.

Ladarba jiġi ddeterminat it-tribunal kompetenti, jeħtieġ li jintgħażel il-post fejn trid tiġi eżaminata t-tilwima.

Fil-qasam ċivili, it-tilwima tista tinġieb quddiem l-Imħallf tal-qorti fejn ikun domiċiljat il-konvenut jew quddiem l-Imħallf tal-qorti fejn l-obbligazzjoni ġiet miftiehma jew fejn għandha tiġi eżegwita.

Fil-qasam kriminali, għandhom ġuriżdizzjoni ndaqs it-tribunal fejn sar il-ksur, it-tribunal tal-post fejn tirresjedi l-persuna suspettata u t-tribunal tal-post fejn tista' tinsab il-persuna suspettata. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, għandu ġuriżdizzjoni t-tribunal tal-post fejn tinsab is-sede ċentrali u l-post tan-negozju tal-imsemmija persuna ġuridika.

Il-qrati u t-tribunali, il-ġerarkija tagħhom:

Il-qrati u t-tribunali tal-ordni ġudizzjarju huma organizzati skont ġerarkija strutturata. L-istruttura tal-qrati u tat-

tribunali hija kif ġejja:

4	QORTI TAL-KASSAZZJONI		
3	Qrati tal-appell	Qrati industrijali	Qrati bil-ġurija
2	Tribunali tal-prim'istanza	Tribunali industrijali	Tribunali tal-kummerċ
1	Kummissarji tal-Ġustizzja		Tribunali tal-pulizija

Id-deċiżjonijiet tat-tribunali huma s-sentenzi. Id-deċiżjonijiet tal-qrati tal-appell, tal-qrati industrijali, tal-qrati bil-ġurija u tal-Qorti tal-kassazzjoni huma sentenzi.

Il-qrati ċivili essenzjalment jismgħu kawżi ta' natura privata bejn persuni kemm fiżiċi u ġuridiċi.

L-għan tal-qrati kriminali huwa li jikkundanna l-awturi tal-fatti punibbli b'pieni stabbiliti bil-liġi (pieni ta' ħabs, xogħol fil-komunità, multi,...).

Jista' jiġri li waħda mill-partijiet ma taqbilx ma' sentenza ta' tribunal. Hemm bosta proċeduri ta' appell intern li jippermettu lill-partijiet fil-kawża jew, f'ċerti każijiet, lil terzi jiksbu deċiżjoni ġdida f'kawża diġà deċiża mill-qorti. Il-proċeduri ta' appell intern huma maqsuma f'żewġ kategoriji: il-proċeduri ta' appell intern ordinarji u l-proċeduri ta' appell intern straordinarji.

Il-proċeduri ta' appell intern ordinarji huma tnejn : il-proċeduri ta' oppożizzjoni u l-appell.

Il-proċeduri ta' oppożizzjoni jippermettu lill-konvenut ikkundannat minħabba l-kontumacia li jopponi s-sentenza. F'dan il-każ, il-qorti li tat is-sentenza terġa' tisma' l-kawża mill-ġdid.

Flief għal numru limitat ta' kawżi li għalihom dan mhux possibbli, l-appell huwa dritt li jista' jiġi eżerċitat mill-partijiet kollha kkonċernati. Kemm il-kundannat, il-parte ċivile, ir-rikorrent u l-konvenut kif ukoll il-prosekutur jistgħu jitolbu li l-kawża tinstema' għat-tieni darba. L-appell dejjem jiġi eżaminat minn qorti oġġla minn dik li tkun tat l-ewwel sentenza.

It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali lejn il-qrati u t-tribunali li jismgħu l-appelli, skont l-istanza fejn tkun ingħatat is-sentenza li wieħed ikun irid jappella minnha:

Sentenza		Appell
Kummissarju tal-Ġustizzja	- kawżi ċivili	Tribunal tal-prim'istanza (sezzjoni ċivili)
	- kawżi kummerċjali	Tribunal tal-kummerċ
Tribunal tal-pulizija	- kawżi kriminali	Tribunal tal-prim'istanza (Tribunal korrettiv)
	- kawżi ċivili	Tribunal tal-prim'istanza (Tribunal ċivili)
Tribunal industrijali		Qorti industrijali
Tribunal tal-prim'istanza		Qorti tal-appell
Tribunal tal-kummerċ		Qorti tal-appell

Fil-grad ta' appell, l-Imħallfin (fi tribunal) jew il-kunsilliera (f'qorti) jiddeliberaw għat-tieni u l-aħħar darba fuq il-mertu tal-kawża u jaqtgħu u jiddeċiedu għall-aħħar darba. Madanakollu l-partijiet għandhom iċ-ċans ta' proċeduri quddiem il-qorti tal-kassazzjoni.

Fil-fatt, jeżistu, minbarra dawn il-proċeduri ordinarji, proċeduri ta' appell intern "straordinarji" bl-ewlenija fosthom il-proċedura ta' kassazzjoni. Din il-proċedura quddiem il-Qorti tal-kassazzjoni mhix tielet istanza jew qorti tat-tielet grad. Il-Qorti tal-Kassazzjoni ma teżaminax il-fatti tal-kawża li jinġiebu quddiemha, iżda tħares biss ir-rispett tal-legalità.

Minbarra t-tribunali u l-qrati msemmija, jeżistu żewġ ġurisdizzjonijiet oħrajn fil-Belġju. Dawn għandhom komputu ta' kontroll: il-Conseil d'Etat (Kunsill tal-Istat) u l-Cour Constitutionnelle (Qorti Kostituzzjonali). Il-Kunsill tal-Istat huwa qorti amministrattiva għolja li jikkontrolla l-amministrazzjoni. Dan jintervjeni meta ċittadin jemmen li l-amministrazzjoni ma rrispettatx il-liġi. Ir-rwol tal-Qorti Kostituzzjonali huwa li tiggarrantixxi li l-liġijiet, digrietni u ordnanzi jkunu konformi mal-Kostituzzjoni u li tissorvelja t-tqassim xieraq tal-kompetenzi bejn il-poteri pubbliċi fil-Belġju.

Bażijiet tad-dejta ġuridiċi

[Il-portal tal-kompetenza ġudizzjarja tal-Belġju](#) jagħti aċċess, fost affarijiet oħra, għall-ġurisprudenza, il-leġiżlazzjoni Belġjana u għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Belġju.

L-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa bla ħlas?

Iva l-aċċess għall-bażi tad-dejta huwa bla ħlas.

Links relatati

[Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja](#)

■ L-aħħar aġġornament: 28/07/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.